# Il-Mużika

## *L-Aqwa Vitamina għat-Tfal*



**kitba ta' Profs. Charles E. Zammit**

Ph. D., D. Mus., GLSM, FLCM, FLSM, FVCM, FGMS, FCSM, FRSA, FWTC, FNSCM, FIBA, FASC, KCSJ.

(Mogħti ċ-ċertifikat ta' "LEADING EDUCATORS OF THE WORLD - 2006 -" mill-International Biographical Centre, Cambridge)

Ir-riċerki u l-esperimenti kontinwi li qegħdin isiru fil-professjoni tal-mużika fil-pajjiżi żviluppati tad-dinja kollha juru biċ-ċar li l-użu tal-mużika fit-tfal, sa minn qabel it-twelid, jagħtu forza akbar lill-moħħ, lis-saħħa u lis-sens kreattiv fit-tfal. Ma rridux ninsew li t-teknoloġija moderna illum wasslet għal żviluppi tal-meravilja li jinkludu strumenti sofistikati li permezz tagħhom l-esperti mediċi u dawk mużikali llum jistgħu josservaw b'mod intern dak kollu li jkun qed iseħħ fil-moħħ tal-bniedem permezz ta' l-użu tal-mużika. L-iżvilupp tal-bniedem illum jista' jiġi osservat b'modi konkreti sa minn qabel it-twelid tat-tarbija. Kollox qiegħed jindika li l-mużika hija l-aqwa vitamina fis-saħħa u l-edukazzjoni tat-tfal. In-numru ta' sejbiet li juru r-realtà ta' dan diġà huwa wieħed kbir ħafna. Iżda r-riċerka għada, u ser tibqa', għaddejja sakemm il-bniedem jinduna, jew aħjar jiskopri u jħoss il-verità assoluta ta' kemm verament il-mużika hija mportanti fl-iżvilupp edukattiv, fis-saħħa u saħansitra fis-salvazzjoni ta' kull bniedem.

Ir-riċerka, l-esperimenti u l-iżviluppi pożittivi kollha li saru s'issa fil-mużika, inkluża t-terapija mużikali (żvilupp fenominali) jirrappreżentaw biss qatra f'oċejan. Il-kbir għadu ġej! Il-kobor tal-mużika ser ikun ferm aktar evidenti meta l-bniedem jirnexxielu jiskopri aktar għerf fit-tħaddim ta' l-enerġija spazjali u dik umana.

Ħafna huma l-ispeċjalisti, professuri, psikologi u xjentisti li ta' spiss ikellmuna dwar is-sejbiet tagħhom fil-qasam mużikali. Dan jinkludi lil Professur Emeritus mill-Università ta' Londra, John Jenkins, li proprju waħda mill-aħħar sejbiet tiegħu turina l-ġid kbir li l-użu tal-mużika addattata qiegħed jagħmel fuq iż-żgħażagħ, l-aktar bħala terapija kontra atti kriminali w abbużi mid-droga, barra milli permezz tal-mużika qegħdin iżidu wkoll, u bil-kbir, fil-marki li jottjenu fir-riżultati ta' l-IQs tagħhom, iġifieri t-testijiet dwar l-intelliġenza, eżamijiet eċċ. Jenkins ikompli jurina wkoll x'ġid jagħmel l-użu tal-mużika f'każi ta' epilepsija, iġifieri dak it-tip ta' mard konness man-nervożismu.

Numru kbir ta' speċjalisti fil-mużika u fil-mediċina minn pajjiżi żviluppati juruna biċ-ċar l-għajnuna li l-użu tal-mużika qiegħed jgħati lit-tfal fl-iżvilupp edukattiv tagħhom, fl-iżvilupp tal-karattru personali u dixxiplina personali tagħhom u ħafna affarijiet oħrajn li llum huma aċċettati bħala realtà mill-aqwa organizzazzjonijiet edukattivi fid-dinja.

Wieħed mill-aktar skulari rispettati fid-dinja tal-lum huwa l-Professur Ingliż Howard Gardner li l-kitbiet speċjalizzati tiegħu jikkonċentraw fuq l-użu tal-mużika bħala wieħed mis-seba' tipi ta' ntelliġenza li jeżistu fis-sistema ġenetika tagħna l-bnedmin.

Hemm imbagħad numru kbir t'esperti li jħarsu lejn din il-ħaġa b'mod pożittiv għall-aħħar, fosthom hemm Maria Montessori u Jean Piaget li, żmien ilu, rrikonoxxew il-mużika bħala ntelliġenza nterna li dejjem lesta biex tgħin fl-iżvilupp ġenerali tal-bniedem sa mit-tielet sena tal-ħajja tiegħu. Aktar kmieni minn hekk, permezz ta' l-iżvilupp ġenerali uman, ċertu Rudolf Steiner (Ġermaniż), għamel il-mużika l-aqwa pilastru fit-tip ġdid tas-sistema edukattiva ġenerali msejħa "Waldorf". Rudolf Steiner għaraf il-mużika bħala l-fondazzjoni ta' l-intellett, kreattività, kapaċità matematika, kif ukoll bħala żvilupp spiritwali għaliex fiha sab l-aqwa forma ta' arti. U xi ngħidu għall-imħabba kbira li l-famuż xjentist Albert Einstein (li tiegħu għandna lapida fil-Barrakka ta' fuq) kellu għal mużika b'mod partikolari l-ġibda li kellu lejn il-vjolin? Imbagħad hemm in-'Nobel laureate' David Hubel, newroxjentist li, meta darba ġie mistoqsi x'kellu nteressanti barra dak ta' l-ispeċjalità tiegħu, huwa wieġeb: "Attwalment jiddispjaċini li matul ħajti m'użajtx biżżejjed il-pjanu, missni daqqejtu iżjed kuljum". Il-lista ta' għorrief kbar li jitkellmu dwar l-użu tal-mużika bħala metodu l-aktar pożittiv hija waħda twila wisq biex wieħed jinkludiha f'kitba ta' din ix-xorta. Dan għaliex saħansitra anke skulari kbar minn reliġjonijiet differenti jagħtu spjegazzjoni preċiża għaliex il-mużika hija wieħed mill-aktar valuri mportanti fl-iżvilupp tal-bniedem minn twelidu sa mewtu! Min jixtieq aktar informazzjoni dwar l-użu tal-mużika fis-saħħa u għall-iżvilupp fl-edukazzjoni ġenerali għandu jikseb kopja tal-ktieb - 'MUSIC, for Better Health and Better Living' minn għand il-P.E.G. Book Centre, 115 Triq San Ġwann, Valletta, jew librara ewlenin.

L-ewwel tmien snin tal-ħajja huma l-aktar snin kruċjali fit-trobbija tat-tfal. Aktar ma nagħtuhom tagħlim bnin matul dawn is-snin aktar inkunu qed nagħmlulhom ġid għall-ħajja kollha li jkunu ser jgħixu.

Matul is-snin 1980/1990, ġurnali xjentifiċi madwar id-dinja bdew jippubblikaw studji li juru li l-mużika litteralment tasal biex ittejjeb l-istruttura tal-moħħ

*tkompli paġna 80*

li jkun beda jiżviluppa sa minn qabel it-twelid. Ġie ppruvat ukoll li t-trabi jaslu biex jgħarfu u jippreferixxu l-mużika li darba semgħu meta kienu għadhom fil-ġuf ta' l-omm. Rapporti oħrajn juru titjib fil-marki ta' testijiet ta' ntelliġenza fi tfal ta' kull età li jirċievu taħriġ mużikali; hemm dawk li juru li nofs siegħa terapija mużikali ttejjeb l-attività 'immune' tat-tfal; filwaqt li rapporti oħrajn juru kemm il-mużika tasal biex tnaqqas l-istress, tinkoraġġixxi għaqda soċjali, tistimula żvilupp fil-lingwaġġi, u ttejjeb l-abbiltajiet mentali fost it-tfal iż-żgħar.

Jekk lit-tfal inderruhom b'relazzjonijiet mal-mużika matul l-iżvilupp fl-età tagħhom, inkunu qegħdin ngħinuhom fl-abbiltajiet soċjali u akkademiċi tagħhom. Il-mużika tasal biex tgħin lit-tfal jifhmu aktar l-emozzjonijiet u jitgħallmu jesprimu lilhom infushom b'mod aktar faċli. Meta t-tfal nagħtuhom l-opportunita biex jagħmlu mużika flimkien, inkunu qegħdin insaħħulhom ir-rabtiet tagħhom mal-familja u mal-komunità, u nkunu qegħdin norbtuhom aktar mal-wirt kulturali tagħhom.

Proprju fl-ewwel parti ta' millennju ġdid, ix-xjenza qiegħda tikkonferma l-verità kollha li teżisti fit-twemmin antik dwar il-qawwa li l-mużika għandha fuq il-moħħ u l-ġisem tal-bniedem. Dan għaliex il-mużika hija xjenza u arti kumbinati flimkien. Artiklu riċenti fil-magazine - SCIENCE NEWS - jgħidilna li l-ħoss fl-univers bikri, fil-forma ta' mewġiet ta' vibrazzjoni, jista' jkun li kien il-prinċipju li 'orkestra' dawk il-mudelli tal-meravilja li jidhru mal-galassija u dak il-vojt kollu li llum naraw fis-sema. Il-mużika hija sempliċi każ speċjali ta' din ix-xorta ta' vibrazzjoni - mewġa ta' enerġija li tittrasferixxi parti mill-qawwa tagħha fina l-bnedmin.

Għandi naħseb li ftit huma dawk li jafu li fit-twelid, il-moħħ ta' tarbija jkun għadhu fi stat mhux komplut, ikun għadu mhux iffurmat kompletament, proċess li jrid ikompli wara t-twelid skond l-ordnijiet tan-natura. Studji fuq moħħ it-tarbija juru li fit-twelid, ħafna mill-biljuni ta' 'neurons' ikunu għadhom ma ġewx organizzati jew marbutin flimkien f'dawk imsejħin 'networks'. Din hija ħaġa li totalment tiddependi mill-iżvilupp tat-tarbija minn ġurnata għall-oħra. U din hija proprju waħda mill-kawżi li twassal lill-esperti biex jirrikmandaw l-użu tal-mużika sa minn qabel it-twelid u aktar u aktar wara t-twelid. Dan għaliex, ħaġa bħal din, tasal biss biex issaħħaħ u tagħmel lin-'neurons' li jkunu qed jitwieldu, aktar b'saħħithom, aktar rikki, aktar raffinati. Din hija ħaġa li biha t-tfal jaslu biex jgħinu lilhom infushom biex jirrinfurzaw dawk il-kuntatti, dawk ir-rabtiet li jwasslu għal formazzjoni ta' 'networks' ġodda. Tajjeb li wieħed ikun jaf ukoll li malli t-tfal jibdew jiffurmaw rabtiet mal-ġenituri, membri tal-familja, u m' oħrajn li jieħdu ħsiebhom, u malli jibdew jesploraw id-dinja tagħhom, hemmhekk jibdew jinħolqu eluf ta' formazzjonijiet magħrufin bħala 'synapses'. Sakemm it-tfal jaslu għall-età ta' għaxar snin, il-moħħ ikun diġà fforma triljuni minn dawn u kull trilljun jifforma miljun miljun. Dak huwa biss wieħed mill-mirakli kbar ta' moħħ il-bniedem. Kull wieħed minn 'neurons' f'moħħ il-bniedem jista' jiġi marbut ma' eluf ta' 'neurons' oħrajn, komplessità tal-meravilja u li mhux bilfors li sseħħ fil-moħħ ta' kull individwu, għaliex din hija ħaġa li tiddependi minn wirt naturali tal-familja, jekk hux kollox kien f'siktu waqt it-tqala, waqt u wara t-twelid, u mbagħad, fuq kollox, x'għajnuna jkun qed jirċievi waqt li żvilupp tal-moħħ, ħaġa li nsejħulha edukazzjoni.

Studju li sar dan l-aħħar f'numru kbir ta' skejjel primarji fl-Ewropa u l-istati Uniti juri li, studenti fil-primarja li ngħataw nofs siegħa studju tal-mużika kuljum għal żmien sena wrew żidiet sostanzjali kemm f'dik li hi kreattività kif ukoll f'dawk li huma abbiltajiet mentali, u dan kif ġie komparat ma' klassijiet ekwivalenti li ma kellhomx lezzjonijiet tal-mużika.

Hemm imbagħad ir-riċerka li turi li adulti li rċivew lezzjonijiet fil-mużika meta kienu tfal urew ferm aktar potenzjal fl-użu taż-żewġ sferi tal-moħħ u memorja aqwa minn dawk li ma kinux ingħataw edukazzjoni mużikali fi tfulithom.

Fit-tfal wieħed għandu jsib potenzjal bla limitu jekk jagħraf jgħallimhom b'imħabba w rispett. Jgħin ferm ukoll it-tagħlim li jsir fi gruppi għaliex dan joħloq motivazzjoni qawwija u benefiċċji ferm akbar.

Tajjeb li wieħed jgħid ukoll li kull tagħlim tal-mużika għandu dejjem jiġi msebbaħ bi smiegħ ta' mużika addattata possibbilment f'xi ħin kuljum.

Is-suġġett dwar it-tagħlim tal-mużika lit-tfal huwa wieħed bla fini, u mhux possibbli li wieħed jitkellem dwaru f'kitba ta' din ix-xorta. Minkejja dan, jiena naħseb li dak li semmejt hawn fuq huwa diġà biżżejjed biex jurina li jekk verament irridu li t-tfal tagħna jiżviluppaw aħjar matul is-snin formattivi tagħhom fuq il-bank ta' l-iskola, jinħtieġ li nipprovduhom bl-użu assolut tal-mużika kuljum b'mod ordinat u professjonali billi nagħtuhom ċans jipparteċipaw bil-mużika b'mod ħaj, mod realistiku, mod effettiv, mod sinifikanti, b'mod li jkabbar u jsebbaħ it-tagħlim ta' kull suġġett li jistudjaw, barra mill-ġid u ħafna benefiċċji oħra għas-saħħa mentali u dik fiżika.

**Is-Soċjetà Għaqda Mużikali Marija Assunta qiegħda hemm biex tgħin lil uliedek biex jiksbu livelli tajbin fl-edukazzjoni mużikali. Jekk interessat fil-ġid ta' wliedek kull ma trid tagħmel hu li tikkomunika ma' membri tal-kumitat jew ma' l-għalliema tal-mużika tagħha biex tkun tista' takkwista l-benefiċċji kollha mingħajr ħlas.**

**Il-festa t-tajba lil kulħadd.**